# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.5

**Kap 4: Ħarsu ftit 'l hemm**

**Lezzjoni 4.5: Konna ferħanin tassew**

**L-għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. jirrevedu kif jistgħu jkunu stilla għall-oħrajn,
2. jitgħallmu x-xogħol tar-ragħajja x'kien,
3. japprezzaw l-attitudnijiet tar-ragħajja f'din il-ġrajja.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint: Stampa ta' nagħġa
- Powerpoint: Il-ħajja ta' ragħaj
- Karta ta' taħriġ 4.4
- A Ray Of Hope: https://www.youtube.com/watch?v=9D0ybXbWSh4
- Go Tell It On The Mountains: https://www.youtube.com/watch?v=72LE487YZ-U
- L-Ewwel Milied https://www.youtube.com/watch?v=J2Q2644_anI&list=RDJ2Q2644_anI&index=1

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Fakkar f'dak li jkun sar fil-lezzjoni dwar il-ferħ u l-paċi vera li jġib il-Milied.
- Spjega lit-tfal li f'din il-lezzjoni ser inkomplu nitkellmu fuq din il-ġrajja tal-Milied – meta l-Iben t'Alla sar bniedem għalina.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Uri stampa fuq il-powerpoint tan-**nagħġa.** Staqsi lit-tfal x'jiftakru meta jaraw nagħġa.
2. Wassal it-tfal jifhmu kemm in-nagħġa hija annimal ħelu, li joqgħod u li min jaf kemm marru ħdejn Ġesù dakinhar.
3. Ibda min-nagħġa u spjega x'kien ix-xogħol ta' ragħaj, billi turi l-powerpoint.
4. Fisser kif ir-ragħajja kienu nies sempliċi ħafna u li ħadd ma kien jagħti kashom. Minħabba x-xogħol tagħhom, dak li jieħdu ħsieb ta' ħafna nagħaġ, kienu jkunu 'l bogħod mid-dar, ħafna drabi għax kienu jorqdu u jibqgħu fuq l-għoljiet għal ħafna ġranet. U għalhekk ma tantx kienu jkunu rrispettati bħala persuni, minħabba x-xogħol tagħhom fuq l-għoljiet.
5. Uri li r-ragħajja kienu jieħdu ħafna ħsieb tan-nagħaġ tagħhom u jbatu ħafna biex iżommu l-merħla f'daqqa u f'saħħitha.
6. Erġa' enfasizza l-punt li Ġesù, li kien Alla, u li kien jaf bil-qalb tajba tagħhom, stidinhom, permezz tal-anġlu, biex ikunu l-ewwel nies li jarawh.
7. Hawnhekk tista' turihom l-għanja tal-Milied: *L-Ewwel Milied.* Tajjeb li t-tfal jitgħallmuha u jaraw il-messaġġ tagħha.

8. Stieden lit-tfal jifthu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.5 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex flimkien jiddiskutu Attività 1 fejn huma ser jesploraw kif jaħsbu kif ħassewhom ir-ragħajja.
9. Spjega u ddiskuti Attività 2.
10. Asal għal Attività 3. Qajjem diskussjoni dwar kif, meta u fejn niltaqgħu ma' Ġesù Bambin.
11. Agħlaq billi t-tfal jagħmlu t-talbiet tagħhom.
12. Semma' l-għanjiet:

A Ray Of Hope: https://www.youtube.com/watch?v=9D0ybXbWSh4
jew
Go Tell It On The Mountains
https://www.youtube.com/watch?v=72LE487YZ-U

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. In-nagħga hija annimal ħelu, u kienet hi wara l-baqra u l-ħmara li tara lil Ġesù.
2. Ir-ragħajja kienu nies sempliċi ħafna. Minħabba x-xogħol tagħhom, kienu jkunu ħafna 'l bogħod mid-dar għax kienu jorqdu u jibqgħu fuq l-għoljiet għal ħafna ġranet.
3. Kienu jieħdu ħafna ħsieb tan-nagħaġ tagħhom u jbatu ħafna biex iżommu l-merħla f'daqqa u f'saħħitha.
4. Ġesù, li kien Alla, u li kien jaf bil-qalb tajba tagħhom, stidinhom permezz tal-anġlu, biex ikunu l-ewwel nies li jarawh.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal jagħmlu l-isforzi kollha tagħhom biex dan iż-żmien tal-Milied ikun żmien għal kulħadd u allura jaħdmu biex ikunu ħbieb ma' kulħadd.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- A Ray Of Hope

  https://www.youtube.com/watch?v=9D0ybXbWSh4

- Go Tell It On The Mountains

  https://www.youtube.com/watch?v=72LE487YZ-U

- L-Ewwel Milied

- https://www.youtube.com/watch?v=J2Q2644_anI&list=RDJ2Q2644_anI&index=1

## Nitolbu

Għinna, Ġesù, naċċettaw lil xulxin, b'dak

kollu li għandna, mhux f'dan il-Milied biss imma dejjem.